# KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU SEBA' U TLETIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar il-Ħamis 28 ta' Ġunju, 2004 fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Preżentazzjoni u Konferma tar-Rapport Finanzjarju tal-Kunsill għas-Sena 2003/2004 kif ippreżentat mill-awditur skond kif titlob il-Liġi tal-Kunsilli Lokali.
4) Xiri ta' software għall-Kompjuters il-ġodda fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

*Sospensjoni tar-Regolamenti*

Billi din il-laqgħa ssejjħet b'urġenza b'għan speċifiku, is-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni tar-regolamenti biex item (1) ta' l-Aġenda jitressaq fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 37 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-preparamenti li saru dwar it-traffiku fix-Xatt ta' l-Isla għall-istaġun tas-Sajf.

*37.(2).1* Is-Sindku ta tagħrif dwar diskussjoni li kellu mas-Supretendent kif ukoll kif ser tiġi attivata d-deċiżjoni li ħa l-Kunsill fil-laqgħa Numru 36 biex ix-Xatt jingħalaq għat-traffiku nhar ta' Ġimgħa, Sibt u Ħadd bejn it-8.30pm u l-10.30pm.

*37.(2).2* Saru stickers biex jeħlu fuq il-karozzi għar-residenti li joqgħodu x-xatt biex ikunu jistgħu jidħlu waqt li x-Xatt ikun magħluq għat-traffiku.

*37.(2).3* Saru parking bays mill-ġdid qabel il-Maċina fil-wesgħa ta' quddiem Dockyard Gate.

*37.(2).4* Ġew ordnati żewġ traffic signs biex jiggwidaw kif u meta t-traffiku jista' jidħol ix-Xatt.

*37(2).5* Dan l-egħluq fix-Xatt ser ikun sorveljat minn żewġ pulizija kif wiegħed is-Supretendent tal-Pulizija ta' l-Għassa ta' Bormla.

*37.(2).6* *Surplus ta' madwar Lm 12, 00.00*

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li minn kalkolu li għamel dwar l-infieq u d-dħul tal-Kunsill għax-xhur li ġejjin, il-Kunsill ser jagħlaq is-sena finanzjarja 2003 / 2004 b'madwar Lm 12, 000.00, dejjem jekk ikun hemm kontroll fuq l-infieq.

## 37 (3) Preżentazzjoni u Konferma tar-Rapport Finanzjarju tal-Kunsill għas-Sena 2003/2004.

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni u l-konferma tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju tal-Kunsill għas-Sena Finanzjarja 2003 / 2004 kif ġie ppreżentat u mfisser mill-Awditur f'laqgħa apposta li saret għall-Kunsill nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju, 2004 fil-bini tal-Kunsill.

*37(3).1* Dak inhar l-Awditur ta tifsira sħiħa tar-Rapport Finanzjarju u tal-Management Letter kif ukoll wieġeb fid-dettal għall-mistoqsijiet li saru mill-Kunsillieri preżenti.

*37(3).2* Fil-laqgħa tal-Ħamis 24 ta' Ġunju, 2004 sar qbil li dan ir-rapport finanzjarju jiġi ppreżentat bħala moqri u jiġi ffirmat fil-laqgħa uffiċċjali apposta tal-Kunsill li kienet proposta li ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Ġunju, 2004 fil-5.00pm.

*37(3).3* Il-Kunsillier Charmaine Gerada irrimarkat li dak inhar ma' setgħetx tattendi u li xtaqet tifsira tar-Rapport Finanzjarju.

Saru kuntatti ma' l-Awditur dwar il-punti mqajjma fejn il-Kunsillier Charmaine Gerada kellha konfront dirett bit-telefon ma' l-Awditur.

*37(3).4* Minkejja dawn l-interventi l-Kunsillier Charmaine Gerada ma' ħassitiex konvinta mit-tweġibiet li ngħatat mill-Awditur.

*37(3).5* Wara diversi nterventi u diskussjonijiet is-Sindku Joseph Casha issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

*37(3).6* Ir-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2003 / 2004 kif ppreżentat mill-Awditur nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju, 2004 ġie approvat b'erba' ( 4 ) voti favur u astensjoni ( 1 ) waħda.

*37(3).7* Il-Kunsillier Charmaine Gerada stqarret li astjeniet minħabba li ma' tħosshiex konvinta mit-tweġibiet li ngħatat.

## 37 (4) Xiri ta' software għall-Kompjuters il-ġodda fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Kunsill stħarreġ id-diversi kwotazzjonijiet li waslu fil-Kunsill (Kopji mehmuża).

*37.(4).1* Il-Kunsill qabel li japprova dan li ġej :

(A) Jinxtara Norton Antivirus Lm 12

(B) Li ssir il-Liċenzja fuq il-PC l-ġdid permezz ta' Mitts Ltd Lm 220.63

(c) Rigward Datatrak (LES System) il-Kunsill qabel li din tibqa' fuq PC wieħed sakemm jiddeċiedi x'ser jagħmel f'Novembru, 2004.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fl-12.16pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

_______________________ _______________________

Joseph Casha Alphonse Zammit

Sindku Segretarju Eżekuttiv